



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2022/2060(INI)

6.3.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2022
(2022/2060(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Dita Charanzová

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-kompetizzjoni ġusta hija essenzjali biex is-suq uniku u l-ekonomija jiffunzjonaw tajjeb u toħloq inċentivi biex tiġi pprovduta varjetà fil-prodotti, kwalità aħjar, prezzijiet aktar baxxi, valur ogħla, reżiljenza u standards, innovazzjoni, riċerka u servizzi aħjar għall-konsumatur; jisħaq li l-benesseri tal-konsumatur irid jibqa' aspekt essenzjali tal-politika tal-kompetizzjoni; jisħaq, barra minn hekk, li politika tal-kompetizzjoni b'saħħitha u robusta hija parti fundamentali tas-suq uniku, kif stabbilit fit-Trattati, u hija kruċjali għall-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ekwivalenti u ġusti għall-atturi kollha tas-suq, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), li tiżgura u tagħti spinta lit-tkabbir sostenibbli, lill-impjiegi u lill-kompetittività; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi bidliet li joħolqu ambjent aktar favorevoli għal kulħadd, inklużi negozji ġodda u imprendituri, filwaqt li tafferma mill-ġdid li l-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn applikazzjoni aktar stretta tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE; jaqbel ma' rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)¹ li l-infurzar attiv tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-suq Ewropew u l-ftuħ għall-kummerċ u l-investment internazzjonali għandhom jibqgħu prijoritajiet ta' politika;
2. Jinnota li t-tneħħija tal-limiti fuq l-ghajjnuna mill-Istat minħabba l-kriżi tal-COVID-19 u issa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslu biex l-Istati Membri jipprovdu livelli differenti ta' appoġġ lill-istess setturi; jissottolinja li dan wassal għal kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li mhumiex ekwivalenti għall-istess industriji fi ħdan is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tfitteq modi biex tittaffa din il-problema; jinnota, b'mod partikolari, id-diverġenzi kbar fil-livell ta' sussidji tal-enerġija pprovduti mill-Istati Membri b'rispons għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija; jisħaq fuq l-importanza ta' rispons ikkoordinat li jevita d-distorsjoni tas-suq intern tal-enerġija tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb it-trasparenza tal-proċess ta' valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' monitoraġġ ex post tal-implimentazzjoni effettiva tal-ghajjnuna mill-Istat adottata;
3. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tindirizza l-effett antikompetittiv tar-restrizzjonijiet territorjali tal-provvista bl-għan li jiġi żgurat suq uniku li jiffunzjona bis-sħiħ u jiġi sfruttat l-benefiċċju potenzjali ta' dan għall-konsumaturi; itenni li dawn it-tipi ta' restrizzjonijiet jistgħu jieħdu forom differenti, bħal rifjuti tal-provvista ta' ċerti prodotti u servizzi, it-theddid ta' twaqqif tal-provvista lil distributur partikolari, il-limitazzjoni tal-kwantitajiet disponibbli għall-bejgħ, id-differenzjazzjoni mingħajr ebda spjegazzjoni tal-firxiet u tal-prezzijiet tal-prodotti fost l-Istati Membri jew il-limitazzjoni tal-għażliet lingwistiċi fuq l-imballaġġ tal-prodott;
4. Jissottolinja li l-oqfsa ta' ghajjnuna mill-Istat biex jirrispondu għall-kriżi tal-COVID-19 u għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandhom jibqgħu

¹ OECD, "Enhancing regional convergence in the European Union" (Insaħħu l-konverġenza reġjonali fl-Unjoni Ewropea), Dokumenti ta' Ħidma tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD Nru 1696, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2021 <https://dx.doi.org/10.1787/253dd6ee-en>.

temporanji; jemma li l-isfidi li jirriżultaw minn dawn il-kriżijiet għandhom jitqiesu kif xieraq friflessjoni wiesgħa dwar il-politika industrijali u permezz ta' strateġija industrijali tal-UE aġġornata li tista' tgħin talloka ir-riżorsi għal ċerti setturi ewlenin, filwaqt li jitqiesu d-dipendenzi tagħna f'ċerti oqsma ewlenin b'mod li ma jfikkilx il-kompetizzjoni bejn id-ditti u li jista' jgħin ukoll biex titwitta t-triq għal ekonomija reżiljenti, kompetittiva u sostenibbli fit-tul; iqis li r-regoli tal-kompetizzjoni ma għandhomx ifixklu l-għanijiet tas-sostenibbiltà, iżda għandhom jikkontribwixxu għalihom;

5. Iqis li huwa essenzjali li tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE fis-suq uniku kollu; jisħaq li l-leġislazzjoni tal-UE għandha tiġi applikata b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha u li meta l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-kompetizzjoni tkun qed tiġi implimentata, għandu jitqies ukoll jekk ikunx disponibbli finanzjament nazzjonali xieraq li jista' jingħata fil-ħin; jistieden lill-Kummissjoni tevita li toħloq monopolji permezz tal-istandardizzazzjoni;
6. Jemma li l-kompetizzjoni x'aktarx li tgħin aktar milli timpedixxi l-irkupru mill-kriżi u ttejjeb ir-reżiljenza tas-Suq Uniku, u jisħaq li studju riċenti² rrifjuta l-argument li l-illaxkar tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE jippromwovi l-irkupru ekonomiku; jiddispaċih li skont l-analiżi minn żminijiet ta' qabel il-kriżi³, l-għajnuna mill-Istat fl-UE ma kinitx effettiva fil-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-investimenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-kontribut tal-għajnuna mill-Istat fl-UE għat-tkabbir ekonomiku u tal-produttività abbażi ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u tirrevedi b'mod sistematiku r-riżultati u l-impatt tagħha;
7. Ifakkar li, jekk irridu niksbu riżultati u impatt reali li jistgħu jitkejlu, u rkupru u kundizzjonijiet ekwivalenti, għandna nitgħallmu minn kriżijiet preċedenti; ifakkar fit-tagħlima mill-kriżi finanzjarja li l-azzjonijiet ibbażati fuq il-ħtiġijiet immedjati huma sostitut f'qir għall-interventi ta' politika bbażati fuq analiżi ekonomika soda; jiddispaċih li diversi proposti ma kinux akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt minħabba n-natura urġenti tas-sitwazzjoni skont l-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli tuża l-urġenza bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt għall-proposti leġislattivi; jistieden lill-Kummissjoni tħejji analiżi fil-fond tal-impatti fuq il-kompetizzjoni, il-produttività u l-investimenti effiċjenti għal kull proposta;
8. Jilqa' l-adozzjoni reċenti tal-Att dwar is-Swieq Digitali⁴ u l-Att dwar is-Servizzi Digitali⁵ bħala passi essenzjali lejn suq uniku diġitali armonizzat, ġust u kompetittiv;

² Massey, Patrick and McDowell, Moore, "EU Competition Law: An Unaffordable Luxury in Times of Crisis?" (Il-Liġi tal-Kompetizzjoni tal-UE: Lussu li ma nistgħux naffordjaw fi żminijiet ta' kriżi?). *World Competition* 44, nru. 4, 2021, pp. 405–432.

³ Tunali, Çiğdem Börke and Fidrmuc, Jan, "State Aid Policy in the European Union" (Politika dwar l-Għajnuna mill-Istat fl-Unjoni Ewropea). *Journal of Common Market Studies*, 53.5, 2015, pp. 1143–1162, ippubblikat online.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

jinnota li l-Kummissjoni qed tagħmel sforzi sinifikanti biex tiżgura li l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jiġu infurzati bis-siġħ billi tipprovdi biżżejjed persunal u riżorsi tal-Kummissjoni għat-tweġġ ta' dan il-kompitu; jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-riżorsi għal implimentazzjoni u infurzar effettivi u robusti ta' dawn ir-Regolamenti; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri jibagħtu persunal addizzjonali u esperti nazzjonali lill-Kummissjoni għal dan il-kompitu; jitlob lill-Kummissjoni taġġorna regolarment lill-Parlament dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li torganizza workshops dwar diversi suġġetti relatati mal-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-grad ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali⁶ fl-Istati Membri u tirrapporta dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni tagħha;
10. Jilqa' r-reviżjoni tar-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija applikabbli għall-akkordji vertikali⁷; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiżgura li l-akkordji ta' distribuzzjoni selettiva u kwistjonijiet tekniċi oħra, bħan-numri tal-mudell nazzjonali u n-numri tas-serje, ma jiġux abbużati biex jiġi limitat il-fluss liberu tal-oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali u biex il-konsumaturi ma jitħallewx iqabblu l-oġġetti disponibbli fi Stati Membri oħra;
11. Jemmen li n-newtralità tal-internet trid tinżamm u tiġi protetta u li l-politika tal-kompetizzjoni trid tappoġġaha;
12. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tkompli timmonitorja u tneħħi b'mod attiv l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u restrizzjonijiet oħra fuq il-bejgħ online transfruntier, u tħaddan approċċ favur il-konsumaturi sabiex ikunu jistgħu jiksbu aċċess għal għażla akbar ta' prodotti u servizzi madwar l-UE;
13. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal att dwar id-data (COM(2022)0068) li għandu l-għan li jindirizza l-iżbilanċi tas-suq li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni tad-data u li joħloq kundizzjonijiet tas-suq ġusti u kompetittivi għas-suq intern fil-cloud, l-edge u s-servizzi relatati;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, fir-rigward tar-Regolament (UE) 2022/612 riċenti dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fl-UE⁸, jekk il-kunċett dubjuż ta' "politika tal-użu ġust" applikat mill-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni jirrispettax id-dritt tal-konsumaturi li ma jħallsux soprataxxi addizzjonali għall-użu tal-mobile tagħhom meta jivvjaġġaw fl-UE u li jirċievu informazzjoni xierqa minn qabel biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet skont il-ħtiġijiet tagħhom;
15. Jinnota li, min-natura tagħha, il-kompetizzjoni tista' tkun lokali/reġjonali, fl-UE-Żona Ekonomika Ewropea u globali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, fil-każ tal-

⁶ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fis-suq intern (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22)

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2022/720 tal-10 ta' Mejju 2022 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU L 134, 11.5.2022, p. 4).

⁸ ĠU L 115, 13.4.2022, p. 1.

kompetizzjoni globali, tuża l-għodod kollha previsti fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni u fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni biex tiġġieled il-prattiċi kummerċjali inġusti, inkluż billi tindirizza d-dumping ambjentali u soċjali, u l-kompetizzjoni inġusta minn kumpaniji mhux fl-UE li jistgħu jaffettwaw is-suq uniku sabiex iżżomm kundizzjonijiet ekwivalent fis-suq uniku u tattira aktar investimenti;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tassisti u tappoġġa lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tad-Direttiva NEK⁹ fil-liġi nazzjonali biex tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jikkooperaw u jaħdmu flimkien biex jinfurzaw ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE;
17. Jemmen li l-iżguraw tal-aċċess reċiproku għas-suq għall-esportazzjonijiet tal-UE aktar milli miżuri protezzjonisti, jipromwovi l-irkupru u t-tkabbir sostenibbli fis-suq uniku;
18. Jinnota li l-konsumaturi qed jiffaċċjaw prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew b'mod ġenerali, filwaqt li l-għadd ta' produttori tal-enerġija f'xi swieq naqas drastikament; jitlob lill-Kummissjoni tgħin biex tiżgura d-disponibbiltà ta' għażla adegwata u informata ta' fornituri għall-konsumaturi; jitlob lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiffaċilita t-tisħiħ tad-disponibbiltà tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' skemi tal-komunità tal-enerġija;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri japplikaw b'mod korrett il-Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja ħalli jiżguraw li l-appoġġ għall-kostijiet tal-enerġija jilħaq lil dawk li jeħtiġuh, bħas-settur tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa, li qed jintlaqtu mill-kriżi attwali iżda li tradizzjonalment ma jitqisux bħala intensivi fl-użu tal-enerġija; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-konformità mal-Qafas Temporanju ta' Kriżi;
20. Josserva li l-użu tal-vetturi elettriċi se jwassal għal konsum ogħla tal-elettriku fil-futur u modi ġodda ta' kif il-konsumaturi jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-interoperabilità, il-kompetizzjoni u t-trasparenza tal-prezzijiet bejn il-fornituri tal-enerġija għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi; jinnota li nuqqas ta' kompetizzjoni jista' jwassal biex il-konsumaturi jħallu rati ogħla milli meħtieġ biex jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-infiq pubbliku tal-UE u nazzjonali fuq il-bini tal-infrastruttura tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar;
21. Jinnota r-riskji ta' mgħiba antikompetittiva fl-introduzzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (IA), li jista' jkollha impatt negattiv fuq is-suq tal-IA; jindika l-ħtieġa li l-Kummissjoni tkun mgħammra bir-riżorsi tekniċi u umani biex tirriċerka u tinvestiga l-impatt potenzjali tal-IA fuq il-kompetizzjoni; jinnota fl-istess ħin il-benefiċċji għall-konsumaturi tas-soluzzjonijiet tal-IA, jekk jilħqu l-potenzjal pro-kompetittiv tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra dawn ir-riskji, il-probabbiltà li dawn jimmaterjalizzaw u kif jistgħu jiġu solvuti, u tinkludi kwalunkwe konklużjoni rilevanti fl-analiżijiet tal-Unjoni f'dan ir-rigward, u jekk ikun assolutament meħtieġ, fir-regoli tal-

⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern (ĠU L 11, 14.1.2019, p. 3).

kompetizzjoni;

22. Jisħaq fuq l-importanza li l-konsumaturi u l-utenti jiġu megħjuna jiksbu kontroll akbar fuq l-użu tad-data tagħhom u jappella għal livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali u jenfazizza li n-nuqqas ta' infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹⁰ jista' jkollu effetti antikompetittivi sinifikanti;
23. Jemmen li r-regoli attwali dwar il-kontroll tal-fużjonijiet għandhom jiġu vvalutati bl-għan li jiġi ddeterminat jekk humiex adatti biex jittrattaw l-hekk imsejħa "akkwizzjonijiet predatorji" u jiżguraw kompetizzjoni ġusta, kemm online kif ukoll offline;
24. Ifakkar li s-servizzi jirrappreżentaw l-akbar attività ekonomika fl-Unjoni Ewropea f'termini ta' valur miżjud gross u għandhom ma laħqux il-potenzjal kompetittiv tagħhom u s-suq uniku għas-servizzi għadu ferm lura meta mqabbel mas-suq uniku għall-oġġetti; jemmen li l-ħidma biex jitneħħew l-ostakli li fadal għandha tiġi aċċellerata u għandu jiġi stabbilit bis-sħiħ suq uniku għas-servizzi, inkluż permezz tal-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod effettiv ir-restrizzjonijiet mhux meħtieġa u jnaqqsu l-ostakli mhux ġustifikati fis-settur tas-servizzi, peress li r-regolamentazzjoni effettiva hija ta' benefiċċju kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-professjonisti u żżid l-impatt pożittiv fuq il-produttività u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE; ifakkar li l-analiżijiet empiriċi wrew li r-restrizzjonijiet fuq is-settur tas-servizzi għandhom impatt fuq il-kummerċ u jisħaq li suq tas-servizzi frammentat ixekkel it-tkabbir tal-produttività fis-servizzi;
25. Jissottolinja li s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI) jistgħu jkunu soġġetti għal regoli speċifiċi biex jipproteġu l-aċċess taċ-ċittadini għal servizzi pubbliċi bażiċi taħt livell limitu ċar; ifakkar fil-ħtieġa ta' għajjnuna mill-Istat immirata aħjar u ġġustifikata b'mod xieraq speċjalment għas-SGEI, inklużi l-enerġija, it-trasport, it-telekomunikazzjoni, is-saħħa u l-akkomodazzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi malajr il-pubblikazzjoni riċenti tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tagħha bit-titolu "Evaluation of the State subsidy rules for health and social services of general economic interest ("SGEIs") and of the SGEI de minimis Regulation" (Evalwazzjoni tar-regoli dwar is-sussidji mill-Istat għas-servizzi tas-saħħa u soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEIs") u tar-Regolament de minimis dwar is-SGEIs) (SWD(2022)0388), li tinkludi proposta għal reviżjoni tar-regoli dwar is-SGEI;
26. Jinnota b'sodisfazzjon li ntlaħaq ftehim dwar regolament dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta' dan l-istrument il-ġdid tal-UE biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti¹¹ għall-kumpaniji kollha li joperaw fis-suq uniku sabiex is-sussidji mhux tal-UE jkunu jistgħu jiġu eżaminati bir-reqqa u d-distorsjonijiet ikunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod adegwat; jinnota li ma hemmx kriterji trasparenti dwar kif il-Kummissjoni se tivvaluta d-distorsjoni tas-suq intern u b'hekk timponi rimedji;

¹⁰ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

¹¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, (COM(2021)0223).

jistieden lill-Kummissjoni tippubblika dawn il-kriterji;

27. Jitlob lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ ir-rwol tan-Network ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net);
28. Jisħaq fuq ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni wkoll fit-tisħiħ tal-konverġenza reġjonali fl-UE; jemmen li l-politiki tal-UE għandhom ikunu mmirati aħjar lejn it-titjib tal-ispeċjalizzazzjoni produttiva reġjonali filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe impatt kontroproduttiv, bħall-appoġġ għal ditti ineffiċjenti; jisħaq fuq il-politika industrijali m'għandhiex tkun f'kunflitt mal-politika tal-kompetizzjoni; jaqbel mal-OECD¹² li l-għoti tal-appoġġ għal attivitajiet ġodda għandu jkun limitat fiż-żmien sabiex jiġi evitat li jiġi jispiċċa jingħata l-appoġġ għal attivitajiet ta' tiftix ta' redditu ineffiċjenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ex post tal-leġiżlazzjoni tal-UE u d-deċiżjonijiet ta' infurzar, iffukata fuq ir-riżultati u l-impatt tagħhom inkluża l-effettività tal-multi u s-sanzjonijiet imposti għal imġiba antikompetittiva fis-suq intern.

¹² OECD, "Enhancing regional convergence in the European Union" (Insaħħu l-konverġenza reġjonali fl-Unjoni Ewropea), Dokumenti ta' Ħidma tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD Nru 1696, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2021 <https://dx.doi.org/10.1787/253dd6ee-en>.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	2.3.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Adam Bielan, Anna Cavazzini, Deirdre Clune, David Cormand, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Róża Thun und Hohenstein, Marion Walsmann, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Marc Angel, Vlad-Marius Botoș, Jordi Cañas, Christian Doleschal, Malte Gallée, Ivars Ijabs, Katrin Langensiepen, Tsvetelina Penkova, Romana Tomc, Kosma Złotowski
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Patrick Breyer, José Manuel Fernandes, Ljudmila Novak

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
ECR	Adam Bielan, Beata Mazurek, Kosma Złotowski
PPE	Deirdre Clune, Christian Doleschal, José Manuel Fernandes, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Ljudmila Novak, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Romana Tomc, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Jordi Cañas, Svenja Hahn, Ivars Ijabs, Róża Thun und Hohenstein, Marco Zullo
S&D	Alex Agius Saliba, Clara Aguilera, Marc Angel, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi
Verts/ALE	Patrick Breyer, Anna Cavazzini, David Cormand, Malte Gallée, Katrin Langensiepen

0	-

2	0
ECR	Eugen Jurzyca
The Left	Anne-Sophie Pelletier

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni